# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April 2002

**Numru 2**

**Avviz. numru 216/00mm**

**Odette Saliba**

**vs**

**Saviour Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fit-23 ta' Frar 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' tmien mija u sebgha u tmenin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm887.61c) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, bhala danni sofferti mill-attrici fl-incident awtomobilistiku tas-27 ta' Awissu 1999 fi Triq Ghar Lapsi, Siggiewi bejn il-vettura numru CAO 676 misjuqa mill-konvenut u l-karozza numru AAC 575 misjuqa u propjeta' tal-attrici, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi ncident gara b'tort unikament tal-

konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-imghax legali mis-26 ta' Jannar, 2000, data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Jannar 2000 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

Illi huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz precitat, stante li ghall-incident 'de quo' kienet unikament responsabbli Odette Saliba minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-istess Odette Saliba.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara 27 ta' Awissu 1999 ghal xi siegha ta' wara nofs inhar bejn l-karozza AAC 575 misjuqa mill-attrici u l-karozza CAO 676 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara go Triq Ghar Lapsi, Siggiewi kantuniera ma' Triq San Niklaw. L-attrici riedet iddur lejn il-lemin ghal go Triq San Niklaw, waqt li l-konvenut kien tiela ghad-dritt,

ghamel manuvra ta' sorpass ta' karozza ohra u sab ma' wiccu l-karozza ta' l-attrici waqt li qieghdha ddur lejn il-lemin.

L-attrici qalet illi qabel ma daret lejn il-lemin xeghlet l-indicator, harset fuq il-mera tan-nofs u rat illi warajha kien hemm vann. Osservat ukoll illi dan il-vann naqqas il-velocita' tieghu halli hija tkun tista ddur lejn il-lemin. Harset ukoll fil-mera tal-gemb u ma rat xejn u ghalhekk bdiet iddur. Hekk kif qabdet it-triq ta' San Niklaw, tisma brake qawwi, u karozza tidhol fiha minn wara u ddawwarha dawra mejt u tispicca thares fid-direzzjoni minn fejn giet. L-attrici tenniet ghal aktar minn darba li hija ma bdietx il-manuvra taghha lejn il-lemin qabel ma accertat ruhha illi l-karozza ta' warajha fehmet l-intenzjoni taghha, billi naqqset il-velocita' biex hi tkun tista ddur. Fl-ebda hin ma rat il-karozza l-ohra misjuqa mill-konvenut qabel l-incident.

Il-konvenut minn naha l-ohra qal illi huwa kien tiela minn Lapsi Road fid-direzzjoni tas-Siggiewi u ra illi quddiemu kien hemm Toyota Van pickup, ghalhekk gibed daqsxejn lejn il-lemin biex jipprova jaghmel manuvra ta' sorpass fuq dan il-van. Qabel ma beda jaghmel din il-manuvra pero', daqq il-horn, accellera u meta gie bumper ma' bumper reggha daqq il-horn. F'daqqa wahda tfaccat il-karozza misjuqa mill-attrici fuq ix-xellug u ghaddiet minn quddiemu, dina fixklitu, ghafas il-brake, dawwar ukoll l-isteering lejn il-lemin biex jipprova jevita l-impatt, izda ma rnexxielux. Il-konvenut qal illi l-karozza ta' l-attrici ma ra fl-ebda hin qabel l-incident u di piu s-sewwieq ta' dan il-pickup kien jafu peress li kellu t-tifel mizzewweg ghandu.

Paul Cutajar kien is-sewwieq ta' dan il-pickup u kkonferma illi t-tlett vetturi kienu telghin fl-istess direzzjoni go Lapsi Road. Qal li l-attrici kienet miexja bil-mod fuq in-nahha tax-xellug tat-triq. Hin minnhom semgha l-horn, hares fil-mera u ra karozza ohra misjuqa minn Saviour Borg gejja minn warajh taghmel manuvra ta' sorpass minn fuq il-lemin. Hekk kif ghadda Borg, ra l-karozza misjuqa mill-attrici tigbed lejn il-lemin biex tidhol fit-triq San Niklaw u hemmhekk sar l-incident. Jikkonferma li l-konvenut daqq il-horn darbtejn, darba meta kien warajh u darba meta gie magembu. Cutajar ighid illi  huwa fl-ebda hin ma kien f'perikolu peress illi zamm distanza l-boghod mill-attrici, li ma setghetx tolqtu. Qal ukoll li ma rax l-indicator mixghul mill-karozza misjuqa mill-attrici.

L-attrici ghandha l-konfort tax-xhieda ta' Marisa Magro li dak il-hin kienet riekba maghha fuq quddiem. Magro qalet illi l-attrici xeghlet l-indicator ferm qabel ma giet biex iddur, qatt ma waqqfet il-karozza taghha, izda naqset il-velocita' konsiderevolment qabel ma ghamlet il-manuvra lejn il-lemin.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju l-Qorti trid tezamina l-komportament tas-sewwieqa nvoluti f'dan l-incident. L-attrici tghid li kienet tiela triq wiesa fil-kampanja u riedet iddur lejn il-lemin, ghalhekk xeghlet l-indicator, harset fil-mirja. Rat illi warajha kien hemm vettura ohra illi fehmet l-intenzjoni taghha u bdiet iddur. Kien hawnhekk li mbaghad lahqet it-tielet karozza u sar l-incident.

Ma hemmx dubbju illi l-attrici osservat ir-regolamenti tat-traffiku ghal dak li jirrigwarda tluq minn triq principali ghal triq sekondarja. Fil-fatt f'kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 1995 fl-ismijiet Hugh P Zammit Noe vs Raymond Debono l-Qorti kienet qalet illi *meta sewwieq li jkun ser jikser ghal go side street mhux bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda jrid jara wkoll li dawk illi qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li ma hemm hadd li jkun qieghed jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser.* Hawnhekk l-attrici accertat ruhha li s-sinjal li hija baghtet gie mifhum mis-sewwieq illi kien hemm warajha, peress illi dan ukoll naqqas il-velocita' tieghu sabiex hi tkun tista ddur. Fil-fatt il-habta ma saritx ma' din il-vettura izda ma' vettura ohra li kienet wara dik misjuqa minn Cutajar. Din it-tielet vettura misjuqa mill-konvenut ghamlet manuvra ta' sorpass u kien proprju dak il-hin illi mbaghad sabet lill-attrici ma' wiccha.

Minnahha l-ohra l-konvenut jammetti li huwa kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass dak il-hin ta' l-incident. Il-karozza li kien qed jissorpassa ma kienetx dik misjuqa mill-attrici, izda pickup li kien qed jinstaq warajha minn Cutajar. Fil-fatt huwa kien jaf lil dan is-sewwieq u waqt li qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass daqq il-horn darbtejn. Ma ndunax bil-prezenza tal-karozza ta' l-attrici fit-triq, aktar u aktar meta dina bdiet iddur lejn il-lemin.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju li meta sewwieq ikun ser jaghmel manuvra ta' sorpass irid joqghod ferm attent li dana jista jaghmlu minghajr il-perikolu jew riskju.

Fil-fatt l-artikolu 71 tal-Highway Code jirrakkomanda illi *"never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself or others".* Ma jidhirx illi l-konvenut accerta ruhu bizzejjed mis-sigurta' tieghu u ta' l-utenti l-ohra tat-triq meta gie biex jaghmel il-manuvra, dana l-ghaliex kien hemm mument ta' aljenazzjoni meta aktar kien jimpurtah mis-sewwieq tal-karozza illi kien qieghed jissorpassa, persuna li huwa kien jaf, milli mill-karozzi l-ohra fit-triq.

Il-konvenut ighid li huwa ma ndunax bil-karozza misjuqa mill-attrici peress li dina kienet moghttija bil-pickup. Il-Qorti difficli temmen din l-allegazzjoni. Dak il-hin ma kienx hemm traffiku fit-triq. Kien hemm biss dawn it-tlett karozzi u l-konvenut waqt li qed jaghmel din il-manuvra bilfors kien f'sitwazzjoni u posizzjoni jara l-karozza ta' l-attrici quddiemu. La din ta' l-ahhar kienet ben visibbli ghal Cutajar li kien qed isuq warajha u li ha l-mizuri opportuni, ma hemm l-ebda raguni illi ma kellhiex tkun ukoll ben vizibbli ghall-konvenut. Il-pickup mhix xi karozza kbira illi tghatti l-vizwali u l-konvenut kien f'posizzjoni illi jinduna bil-karozza ta' l-attrici, ghalhekk la ma ndunax biha, ma kienx qed izomm *a proper look out.*

Kif gia nghad l-attrici accertat ruhha li l-messagg taghha wasal ghand il-karozza mmeddjata warajha, pero' ma hux mistenni li dina kellha taccerta ruhha mill-karozzi kollha li jkun hemm wara

din. Kulhadd ghandu r-responsabbiltajiet tieghu u filwaqt illi l-Qorti tirrikonoxxi illi l-attrici ghandha certa responsabbiltajiet meta tigi biex titlaq triq ghal triq ohra, b'daqshekk ukoll is-sewwieqa ghandu jkollhom ir-responsabbiltajiet taghhom biex jaraw dak illi huwa *in plain view.* Mhijiex skuza tal-konvenut illi jghid illi huwa ma ndunax bil-karozza ta' l-attrici. Kieku kien mohhu fit-triq kellu jaraha u kien jiehu l-mizuri opportuni bhalma hadhom Cutajar, imma l-konvenut kien iktar mohhu f'dan Cutajar milli fil-karozza ta' l-attrici u ghalhekk inhasad. Li kieku kien mohhu fit-triq, qatt ma kien isib ruhu f'din is-sitwazzjoni u ma kellux jipprova jissorpassa qabel ma jkun cert illi setgha jibda, jkompli u jtemm dik il-manuvra fiha nnifissha perikoluza b'success u bla riskju ghalih u ghall-vetturi ohra.

Jidher illi l-istess konvenut kien imprudenti almenu f'dan il-kap meta pprova jittanta jaghmel manuvra ta' sorpass f'punt vicin *road junction,* dana meta r-regolamenti tat-traffiku gustament kienu jimponu divjet espress f'dan ir-rigward. Il-konvenut kellu jkun konxju tal-possibilta' illi karozza misjuqa quddiemu setghet ikollha l-intenzjoni li tikser lejn il-lemin biex tidhol f'dik it-triq sekondarja, kif effettivament ghamlet l-attrici.

Ma hemmx dubbju illi l-attrici tat avviz tempestiv permezz ta' l-indicator ta' l-intenzjoni taghha li ddur lejn il-lemin. Kien in-nuqqas tal-konvenut illi ma ndunax b'dan is-sinjal. Cutajar li kien qed isuq ezatt wara l-attrici nduna bl-intenzjoni taghha u bhalma nduna Cutajar ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala l-konvenut ma kellhux jinduna wkoll.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-kawza ta' dan l-incident kien in-nuqqas ta' *proper lookout* da parti tal-konvenut u mhux xi nuqqas da parti ta' l-attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attrici. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident illi gara fis-27 ta' Awissu 1999 fi Triq Ghar Lapsi, Siggiewi bejn il-vettura CAO 676 misjuqa mill-konvenut u l-vettura AAC 575 misjuqa mill-attrici, u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' tmien mija u sebgha u tmenin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm887.61c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg